MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 274/2003/1

**Johann Schembri f' ismu propju u ghan-nom tas-socjeta` J J Schembri; u b' digriet tat-Tribunal tad-9 ta' Dicembru 2003, giet ordnata l-korrezzjoni fis-sens illi wara l-isem Johann Schembri jizdiedu l-kliem "u Josef Schembri" u l-kelma "f' ismu" giet sostwita bil-kelma "f' isimhom"**

**vs**

**Charlot Mifsud fil-kwalita` tieghu ta' Sindku tal-Kunsill Lokali Marsaskala u ghan-nom ta' l-istess Kunsill; u b' digriet tat-Tribunal ta' l-14 ta' Marzu 2003 giet ordnata l-korrezzjoni fl-okkju tal-kawza, fis-sens illi wara l-isem tas-Sindku tal-Kunsill Lokali Joseph Caruana jizdiedu l-kliem "u s-Segretarju tal-Kunsill Lokali Joseph Caruana"**

**Il-Qorti,**

Fis-27 ta' Settembru 2004 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Jannar, 2003, fejn intalab li l-konvenuti nomine jigu kkundannati ihallsu lill-atturi proprio et.noe. s-somma ta' elf u tlett mitt lira Maltin (Lm1300) rappresentanti bilanc minn somma akbar dovuta in konnessjoni ma' xoghol ta' "patching" ta' numru ta' toroq f'Wied il-Ghajn maghmul mill-atturi pro.et.noe. fuq inkarigu tal-Kunsill Lokali ta' Marsaskala.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali kontra l-konvenuti nomine, ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti nomine ipprezentata fil-25 ta' Frar 2003, fejn gie ecceppiet illi:

1. preliminarjament illi l-gudizzju mhux integru a tenur ta'l-artikolu 27 tal-Kapitolu 363 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante illi l-bilanc pretiz mhux dovut ghal il-Kunsill Lokali Marsaskala hallas ghax-xoghol kollu li inkariga lill-attur jaghmel

3. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Kunsill Lokali Marsaskala hallas kull ma kien dovut minnu ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha ta'l-attur, u ghalhekk ebda bilanc ma hu dovut.

4. Salvi ececzzjonijiet ulterjuri

Ra id-digriet tal-14 ta' Marzu 2003, fejn giet awtorizzata korrezzjoni fl-okkju tal-kawza fis-sens illi wara l-isem tas-Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Marsacala, zdiedu l-kliem "u is-segretarju tal-Kunsill Joseph Caruana". Illi fid-dawl ta' dana d-digriet il-konvenuti irtiraw l-ewwel eccezzjoni sollevata minnhom.

Ra id-digriet tad-9 ta’ Dicembru 2003, fejn giet awtorizzata l-korrezzjoni fl-okkju tal-kawza fis-sens illi wara l-kliem “Johann Schembri” zdiedu l-kliem “u Josef Schembri”, kif ukoll illi l-kelma “f’ismu” giet sostitwita bil-kelma “f’isimhom”.

Sema' x-xhieda ta’l-atturi, ta’ Dr. Malcolm Mifsud, Karl Pearsall u tal-konvenut Joseph Caruana.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-atturi kienu ghamlu xoghol ta’ *patching* f’xi toroq gewwa Marsaskala u dana fuq struzzjonijiet tal-Kunsill Lokali. Gara illi l-atturi kienu innghataw struzzjonijiet verbali mis-sindku tal-Kunsill Charlot Mifsud sabiex jibdew bix-xogholijiet fit-toroq indikati minnu stess qabel ma inharrget *works order* ufficjali min-naha tal-Kunsill. L-atturi jikkontendu illi meta fil-fatt inharrget din il-*works order* (esebieta a fol.27 tal-process), huma kienu diga lestew ix-xoghol li kien gie indikat lilhom. F’din il-works order, kienu inharrgu struzzjonijiet fis-sens illi l-valur tax-xoghol ma kellux jeccedi l-Lm1000. L-atturi jikkontendu illi sa dak in-nhar ix-xoghol li kienu lahhqu ezegwew kien jammonta ghal Lm2300. Irrizulta ukoll mill-provi prodotti illi meta il-Kunsill Loklai baghat il-*contracts manager* Claude Mallia sabiex jaghmel stima tax-xoghol li kien sar, xi uhud mit-toroq kienu gew *re-surfaced* bit-*tarmac* u kwindi ma kienx possibbli ghalih illi jaghmel stima tax-xoghol kollu li kienu ghamlu l-atturi. Madanakollu mill-istima illi huwa ghamel tax-xogholijiet jirrizulta illi l-valur ta’l-istess jammonta ghal madwar Lm1600.

Illi sussegwentment il-Kunsill Lokali ta’ Marsaskala baghat pagament lill-atturi fl-ammont ta’ Lm1000 u dana kif jirriuzlta mid-Dokumenti JS5 u JS6 esebieti a foil.39 u 40 tal-process, fejn gie indikat lill-atturi illi dana il-hlas kien qieghed isir ghas-saldu ta’ kull pretensjoni illi seta’ kien hemm u inoltre illi dana il-hlas kien qieghed isir peress illi

x-xoghol ma kienx sar skond is-sengha u li mhux ix-xoghol kollu li gie indikat mill-atturi fl-invoices taghhom kienu gew esegwiti.

Ghalkemm l-atturi bdew jikkontestaw dana l-ammont u cioe' baqghu isostnu illi l-valur tax-xoghol taghhom kien jeccedi l-Lm1000 u fil-fatt kien jammonta ghal Lm2300 (ara Dokument JS7 a fol.41 tal-process), huma madanakollu xortawahda sarrfu ic-cekk li intbaghat lilhom ta' Lm1000 u dana peress illi huma kellhom bzonn il-flus sabiex jiehdu *tender* iehor mil-Kunsill Lokali tal-Hamrun.

Illi l-konvenuti qeghdin isostnu illi gialdarba huma effetwaw pagament ta' Lm1000 ghas-saldu, liema ammont gie accettat mill-atturi u c-cekk gie imsarraf minnhom, kwindi l-ebda ammont iehor ma huwa dovut, ukoll tenut kont tal-fatt illi ix-xoghol li sar mill-atturi sar hazin u ghalhekk l-ammont mitlub ma huwiex gustifikat.

Ikkunsidra,

Illi minghajr dubbju jirrizultaw is-segwenti fatti:

1. Illi l-atturi ezegwew ix-xogholijiet fuq struzzjonijiet moghtija lilhom mis-Sindiku tal-Kunsill Charlot Mifsud, li sahansitra kien ikun presenti sabiex jispezzjona x-xogholijiet.

2. Illi l-*works order* ghal valur ta' Lm1000 inharrget meta l-atturi kienu diga ezegwew xoghol ghal valur ta' Lm2300.

3. Illi matul l-andament tax-xoghol, ma kien hemm l-ebda ilment da parti tal-Kunsill Lokali illi x-xoghol ma kienx qieghed isir sew.

4. Il-*contracts manager* tal-Kunsill Claude Mallia spezzjona ix-xoghol meta uhud mit-toroq kienu diga gew *re-surfaced* u l-istima li hareg huwa tax-xoghol li ra kien jammonta ghal Lm1588.38.

5. Il-Kunsill Lokali kien a konoxxenza tal-fatt meta inharrget il-*works order*, illi l-atturi kienu diga bdew bix-xoghol.

6. Illi l-Kunsill konvenut baghat cekk fl-ammont ta' Lm1000 datat 25 ta' April 2002, ghas-saldu liema cekk issarraf mill-atturi.

7. Illi l-atturi bagqhu isostnu illi kien ghad hemm bilanc dovut ta' Lm1400 u dana kif jirrizulta mill-ittra datata 29 ta' April 2002.

Illi huwa minnu illi l-atturi ezegwew xoghol ta' valur li jeccedi l-Lm1000 li intbaghat lilhom min-naha tal-Kunsill konvenut. Dana ghamluh fuq struzzjonijiet specifici li kienu jinghataw minn Charlot Mifsud, is-Sindku, li sahasnsitra kien ikun anke presenti waqt l-andament tax-xoghol. Dana jirrizulta kemm mill-invoices esebiti mill-atturi, kif ukoll mill-istimi maghmula minn Claude Mallia (ara Dokumenti a fol.42 sa 83 tal-process). Illi ghalhekk ma jirrizultax mill-provi prodotti fuq liema kriterju il-Kunsill konvenut iddecieda illi x-xoghol ma kellux jeccedi l-valur ta' Lm1000, meta fil-fatt ix-xoghol kien diga sar.

Illi min-naha l-ohra huwa minnu ukoll illi l-hlas li intbaghat lill-atturi ta' Lm1000 intbaghat bil-kundizzjoni illi dana kien qieghed isir ghas-saldu, u l-atturi sarrfu dana ic-cekk. Madanakollu huma bagqhu isostnu illi kien ghad fadal bilanc dovut lejhom. Illi ghalhekk ghalkemm l-atturi sarrfu c-cekk li intbaghat lilhom bil-kundizzjoni illi dan kien qieghed jintbaghat bhala pagament ghas-saldu, madanakollu permezz ta'l-ittra datata 29 ta' April 2002 u cioe' erbat ijiem biss wara li kien intbaghat ic-cekk lilhom huma indikaw b'mod indirett illi l-pagament kien gie accettat minnhom minghajr pregudizzju ghad-drittijiet l-ohra spettanti lilhom. L-intenzjoni taghhom kienet wahda cara u dana kif espress fl-imsemmija ittra fejn huma baqghu jikkontendu illi kien ghad hemm bilanc dovut lejhom ta' Lm1400. Ghaldaqstant it-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenuti qed tigi respinta.

Illi min-naha tal-konvenuti, huma ma ressqux provi in sostenn ta' dak allegat minnhom u cioe' illi x-xoghol li gie esegwit ma kienx sar sew jew ma kienx sar kollu min-naha ta'l-atturi. It-Tribunal ma kellux l-opportunita li jisma' x-xhieda ta' Charlot Mifsud u cioe' tas-Sindku li milli jidher kien il-persuna involuta direttament fl-andament ta' dawn ix-xogholijiet. Lanqas biss ma tressaq bhala xhud Claude Mallia, il-*contracts manager*, sabiex jindika liema kien ix-xoghol li ma sarx, jew li ma kienx sar sew. Il-fatt huwa, illi wara illi l-atturi kienu ghamlu ix-xoghol indikat lilhom mill-Kunsill, l-konvenuti hallsu biss l-ammont li dehrilhom huma, ghaliex anke il-*contracts manager* taghhom stess indika illi l-valur tax-xoghol illi huwa kien ra kien jammonta ghal Lm1588.38! Ghalhekk jirrizulta illi t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti ma hijiex fondata u dana abbazi tal-provi prodotti.

Illi ghar-rigward tal-*quantum* mitlub, jirrizulta mid-Dokument JS8 a fol.42 sa 58 tal-process, illi l-valur komplessiv tax-xoghol kien jammonta ghal Lm2300, li minnhom il-konvenuti nomine diga' hallsu Lm1000 (Dokumenti JS 5 u JS6) u ghalhekk fadal bilanc dovut ta' Lm1300.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad it-tieni u it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti nomine, jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti nomine ihallsu lill-atturi proprio et. nomine s-somma ta' elf u tlett mitt lira Maltin (Lm1300), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti nomine."

Minn din is-sentenza appella l-Kunsill Lokali konvenut. L-aggravju tieghu huwa fis-sens illi t-Tribunal iddecieda punt legali b' mod zbaljat ghar-raguni illi l-hlas li sar lid-ditta attrici kien wiehed ghas-saldu u din accettat tali hlas. Inoltre, l-istess Kunsill appellanti ssottometta b' aggravju iehor illi l-istess ditta attrici naqset li ggib provi konklussiva sal-grad rikjest mil-ligi illi l-ammont bilancjali domandat kien tassew dovut;

Sa fejn konsentit mill-principju illi din il-Qorti ta' revizjoni ma ghandhiex tiddisturba l-apprezzament ta' l-ewwel Tribunal jekk mhux ghal raguni serja u ghal motivi gravi ta' ingustizzja manifesta, l-evalwazzjoni li tehtieg taghmel din il-Qorti hu bazat fuq l-ezami tal-provi u tas-sottomissjonijiet tal-kontendenti;

Trattandosi ta' semplici kwestjoni ta' fatt il-Qorti ma jidhriliex li ghandha ghalfejn tiddilunga ruhha zzejjed fl-analisi u esposizzjoni ta' dawk id-dettalji ta' provi, anke ghaliex dawn jinsabu sew riportati fis-sentenza appellata. Hu bizzejjed li jinghad li l-aspetti li l-aktar ghandhom impatt fuq il-gudizzju ta' din il-Qorti huma dawn:- (i) il-fatturi (fol. 42 sa fol. 83) dimostranti l-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet mid-ditta attrici u l-prezzijiet korrispondenti ghal dawn l-istess xoghlijiet u (ii) l-allegat pagament eccepit mill-Kunsill Lokali konvenut;

Forsi ma jkunx ghal kollox inopportun jekk qabel kull konsiderazzjoni ohra jigu registrati dawn il-principji:-

(1) Huwa principju pacifiku illi l-piz ta' prova tal-pagament hu fuq id-debitur konvenut li jallegah. Dan ghaliex una volta eccepixxa l-pagament kien jispetta lilu li jipprova dan b' mod konvincenti u konklusiv. Ara "**Joe Chetcuti *et* -vs- Joseph Pearson *et nomine***", Appell, 5 ta' Ottubru 1998;

(2) Huwa mbaghad pacifikament maghruf illi "l-pagament jista' jigi pruvat bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, jigifieri bi provi diretti, bhal dokumenti, xhieda u l-konfessjoni tal-kreditur, kif ukoll bi provi indiretti, bhal ma huma l-presunzjonijiet u l-indizji kapaci li jikkonvincu lil gudikant" - "**Emmanuele Bezzina -vs- Emmanuele Attard *et***", Qorti Civili, Prim' Awla, 12 ta' Frar 1959;

(3) Hu wkoll generalment accettat illi f' kaz ta' dubju riferibilment ghall-pagament dan kellu jkun rizolt

favur l-attur-kreditur li ma kienx aggravat bl-oneru fuq imsemmi. Vide "**Angelo Scicluna -vs- John Scerri**", Qorti tal-Kummerc, 30 ta' Mejju 1951, konfermata in sede Appell fid-19 ta' Novembru 1951;

Premessi dawn il-principji, fil-kaz prezenti ma jidherx li huwa kontestat illi d-ditta attrici ezegwit xoghlijiet ta' *patching* f' diversi toroq f' Marsaskala lilha ndikati mis-Sindku tal-Kunsill Lokali konvenut. Ghandu jkun allura pacifiku illi d-ditta kreditrici ghandha dritt tal-pagament ghax-xoghlijiet lilha kommissjonati u minnha ezegwiti. Kien jispetta lill-Kunsill konvenut li jipprova b' mod definittiv u minghajr dubju u kienet tinkombi biss fuqu l-prova illi l-atturi ma kienux jimmeritahom is-somma reklamata ghaliex jew ix-xoghol sar hazin jew dawn ma ghamlux ix-xoghlijiet li jghidu li ghamlu, u li f' dan il-kaz huma sopportati minn numru ta' *invoices* esebiti fl-atti;

Issa huwa minnu li fil-mument li l-Kunsill konvenut baghat ic-*cheque* ghas-somma ta' elf lira (Lm1000) dan irritjena li l-*patching* li sar mid-ditta attrici kien "*insatisfactory in quality*" [ara ittra datata 25 ta' April 2002 (fol. 39)], izda, imbaghad, fil-proceduri proprji, l-istess Kunsill ma ressaq ebda difiza f' dan is-sens. Li jfisser allura li kien hemm da parte tieghu accettazzjoni tax-xoghlijiet li saru mid-ditta attrici. Fil-verita huwa donnu illimita l-kontestazzjoni tieghu illi m' ghandux hlasijiet ohra x' jaghmel ghal motiv li l-pagament tas-somma fuq specifikata kien wiehed 'ghas-saldu' u tali hlas gie accettat mid-ditta attrici;

Ma jidherx li jista' jezisti kuntrast illi l-accettazzjoni tax-xoghlijiet ma jimplikax ukoll l-approvazzjoni tal-kont prezentat minn min esegwixxa x-xoghlijiet, kif lanqas ghal daqshekk dan ma jista' jammonta ghal xi rinunzja ghar-rizarciment ta' danni, *ad exemplum*, f' kaz ta' dewmien fl-ezekuzzjoni jew inkompletar tax-xoghlijiet. B' danakollu lanqas ma ghandu jigi pretiz illi l-kreditur, ghal fatt li accetta l-hlas li sarlu, gie li rrinunzja ghal kull bilanc lilu dovut;

Huwa veru li in linea ta’ massima hu prezunt li min jaccetta, u jsarraf ukoll, *cheque* lilu mibghut fit-termini “*full and final settlement*” jigi li hu rceva pagament f’ dawk l-istess termini precizi. Dan jibqa’ hekk pero` sakemm ma jigix muri illi min ircevih ipprotesta dwar hlas ghal dan fil-mument opportun. Fil-kaz prezenti din il-Qorti hi sodisfatta fuq l-analisi taghha tar-rizultanzi istruttorji illi l-attur Johann Schembri kien ipprotesta dwar il-pagament li sarlu bin-nuqqas. F’ dan hu korroborat minn Joseph Caruana, segretarju tal-Kunsill Lokali konvenut, fejn dan ikkonferma illi l-imsemmi attur kien ilmenta mal-Kunsill dwar l-ammont li thallas. Jitnissel minn dan illi il-pagament li sar lid-ditta attrici f’ dawk il-kontingenzi ma jistax hlief jigi klassifikat bhala wiehed sempliciment akkont, anke jekk l-ittra akkompanjanti c-*cheque* tghid xort’ ohra, jigifieri li skond il-Kunsill Lokali l-hlas kien wiehed ghas-saldu. Bil-protesta u l-ilmenti li jinghad li saru, l-attur wera l-manifestazzjoni tal-volonta` tieghu li ma kienx qed jaccetta li c-*cheque* ricevut b’ dawk il-kliem, u f’ dawk it-termini, kien intiz minnu bhala accettazzjoni ta’ hlas ghas-saldu. L-aggravju fuq dan il-punt ma jistax allura jircievi favur;

Kwantu ghat-tieni aggravju jezistu f’ dan il-kaz diversi cirkostanzi li mehuda kollha flimkien igeghlu lill-Qorti tirritjeni illi t-tezi ta’ l-atturi ghandha tipprevali;

Ibda biex il-Works Order (fol. 27) mahruga mill-Kunsill u awtorizzanti x-xoghlijiet inharget biss ghas-semplici formalita` in kwantu, kif jirrizulta, l-istess xoghlijiet kienu gja gew mitmuma qabel l-hrug ta’ ordni bhal din. L-ammont, imbaghad, ta’ elf lira indikat fuq dan id-dokument sar mill-Kunsill a posteriori ta’ l-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet u dan b’ rifless ta’ l-assunzjoni unilaterali ta’ l-istess Kunsill illi x-xoghlijiet ma kienux sodisfacenti. Prova din li kif fuq espost baqghet ma saretx minnu;

Din il-Qorti, imbaghad, ma taqbel xejn ma' l-impostazzjoni illi kien jaggrava fuq l-atturi illi jipproducu lil Contracts Manager tal-Kunsill biex dawn jattakkaw il-valutazzjoni tieghu, li, incidentalment, kienet fl-ammont ta' elf u sitt mitt Lira (Lm1600). L-atturi ma kellhomx ghalfejn jaghmlu dan. Kien jibbasta ghalihom li jiddemostraw il-fatti kostituttivi tad-dritt pretiz minnhom u, fil-hsieb ta' din il-Qorti, ir-rizultanzi processwali jikkonfermaw din l-inizzjattiva da parti ta' l-atturi ghall-formazzjoni u konvinciment tal-gudikant. Kien invece jinkombi fuq il-Kunsill konvenut li jforni adegwatament provi dimostrattivi illi l-ammont hekk reklamat ma kienx dovut. Il-Kunsill appellanti naqas li jiddisimpenja ruhu f' sens sostanzjali f' dan ir-rigward u ghalhekk ma jistax, u ma ghandux, jippretendi li l-atturi appellati jaghmlu l-prova minfloku filwaqt li hu jillimita ruhu ghas-semplici kontestazzjoni generika ta' l-assunt ta' l-atturi.

Ghal dawn il-motivi u dawk l-ohra dedotti mit-Tribunal, din il-Qorti qed tirrespingi l-appell interpost u b' hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza jibqghu sopportati mill-Kunsill Lokali appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------